MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1726/1997/1

**Rose Borg f'isimha u bhala mandatarja ta' l-assenti Sam sive Saviour Gatt, u s-Sur Nicholas Borg bhala kuratur nominat b'digriet tad-29 ta' Awissu 1997 biex jirrapprezenta lill-assenti Mary Gatt, u stante l-mewt ta' Mary Gatt fil-mori tal-kawza l-atti gew transfuzi fl-eredi Mary Anne San Filippo, Elaine Volpi, Deborah Ghilieri u Sharon Narlock u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2000 l-istess Nicholas Borg gie nominat kuratur *ad litem* ta' l-imsemmijin eredi assenti**
**Vs**
**Carmen Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fit-28 ta' Lulju 1997 fjen gie premess:

Illi l-konvenuta immillitat fil-konfront ta' l-istanti li ghandha dritt ta' inkwilinat tal-fond 182 u 183 Main Street Qormi, u

dan permezz ta' att gudizzjarju cioe` cedola ta' depozitu 789/97 ta' l-24 ta' April 1997 li biha ddepozitat l-ammont ta' mija u sitta u disghin lira u erbghin centezmu (Lm196.40) bhala kera skond dik il-pretenzjoni;

Illi l-istanti jridu jehilsu minn din il-pretenzjoni;

Talbu ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprefiggi lill-konvenuta terminu qasir u perentorju li fih hija ghandha ggib 'il quddiem b'kawza il-pretenzjoni taghha ta' inkwilinat tal-fond fuq imsemmi;

2. U jekk il-konvenuta tonqos milli ggib 'il quddiem l-imsemmija pretenzjoni taghha b'kawza fit-terminu lilha prefiss, tiddeciedi u tiddikjara li hija impeduta milli tagixxi qatt izjed fuq dik il-pretenzjoni u ghalhekk din il-Qorti timponi fuqha s-silenzju perpetwu ghall-istess pretenzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Rose Borg, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet ta' Carmen Borg li gietipprezentata fit-8 ta' Mejju 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi l-gudizzju mhux integru peress li l-fond in kwistjoni (182 u 183, gia 210 u 211) Main Street, Qormi, kien propjeta` ta' Nikola Gatt u martu Anna Gatt u kien sar waqt iz-zwieg; dawn jigu l-genituri tal-konvenuta u ta' Rose Borg, Saviour Gatt u Spiro Gatt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra Spiro Gatt miet wara li kienu gia mietu l-genituri tieghu u ghalhekk is-sehem tieghu mill-wirt ta' missieru jispetta wkoll lil uliedu u cioe` Maryanne, Elaine, Deborah s Debbie, u Sharon. Ghalhekk dawn u mhux ommhom Mary Gatt kellhom ikunu parti fil-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra in mankanza ta’ dawn it-tfal ta’ Spiro Gatt il-gudizzju mhux integru u l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra il-gudizzju mhux integru anke ghaliex f’din il-kawza kellu jigi mharrek ukoll ir-ragel tal-konvenuta Carmelo Borg li hu ukoll inkwilin tal-fond in kwistjoni  u ghalhekk ghandu interess dirett fil-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-atturi jridu jippruvaw l-interess guridiku taghhom kif ukoll iridu jippruvaw it-titlu taghhom fuq il-fond in kwistjoni. Trid issir ukoll prova tal-mandat ta’ l-attrici Rose Borg;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenuta fil-fatt izzomm il-fondi in kwistjoni b’titlu ta’ kera kif jsta jirrizulta mill-annessi dokumenti CB;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Carmen Borg, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet intavolata sabiex il-konvenuta Carmen Borg tinghata perjodu perentorju li fih iggib ‘il quddiem il-pretenzjoni taghha u cio’e li ghandha dritt ta’ l-inkwilinat tal-fond 182 u 183 (gia 210 u 211) Main Street Qormi, u biex fin-nuqqas il-Qorti timponi fuqha perpetwu silenzju dwar l-allegat pretenzjoni taghha;

Illi din hi azzjoni ta' jattanza u bis-sahha taghha l-atturi jridu jehilsu minn din il-pretenzjoni;

Illi dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet, il-Qorti tirrileva li dawn illum gew sorvolati: fil-mori tal-kawza gew kjamati fil-kawza ulied il-mejjet Spiro Gatt permezz tad-digriet tat-2 ta' Gunju 2002, imbaghad in vista tal-mewt ta' mart l-istess Spiro Gatt, u cioe` l-attrici l-ohra Mary Gatt, il-Qorti fit-13 ta' Gunju 2001 kienet irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju 2000 u Nicholas Borg, iben l-attrici Rose Borg, assuma l-atti tal-kawza in rapprezentanza ta' l-erba' ulied ta' Spiro Gatt;

Illi ghalhekk l-atturi issa huma l-ahwa Rose Borg u Saviour Gatt u l-erba ulied tal-mejjet huhom Spiro Gatt, filwaqt li l-konvenuta hija ohthom l-ohra Carmen Borg;

Illi fir-raba eccezzjoni gie eccepit in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju peress li ir-ragel tal-konvenuta ma tharrikx fil-kawza. Qabel xejn ta' min isemmi li l-ircevuti tal-kera dejjem hargu f'isem il-konvenuta filwaqt li meta ghamlet id-depositu permezz ta' cedola ta' depozitu, il-konvenuta agixxiet wahedha u mhux filmkien ma zewgha u kien propju b'reazzjoni ghal dan l-att gudizzjarju li l-atturi ghamlu din il-kawza ta' jattanza kontra taghha. Dwar din l-eccezzjoni il-Qorti taghmel referenza ghal artiklu 1322(2) tal-Kodici Civili li jistipula li l-jedd li jittwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek fir-rigward ta' atti ta' amministrazzjoni ordinarja imissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Artiklu 1322(3) imbaghad jelenka x'inhuma l-atti ta' amministrazzjoni ordinarji. Dan is-sub-titlu ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva sew ghal ragunijiet legali kif ukoll prattici. Il-kawza in kwistjoni ghalkemm tirrigwarda pretenzjoni ta' kera ta' propjeta` immobbli hija wahda ta' jattanza u ma tidholx fil-mertu tal-kwistjoni, ghalhekk f'dan l-istadju mhux essenzjali li jigi involut ir-ragel tal-konvenuta wkoll, u l-fatt li ma tharrikx fil-kawza mhux se jaghti lok ghal nuqqas ta' integrita tal-gudizzju. Wara kollox f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha, mhemm xejn li jipprekludi lill-konvenuta milli tressaq il-pretenzjoni taghha flimkien ma' zewgha;

Illi dwar il-hames eccezzjoni, rigward l-interess ta’ l-atturi l-ohra u li ghandhom jippruvaw it-titlu taghhom fuq l-propjeta` in kwistjoni, jirrizulta mit-testment ta’ Anna Gatt (armla ta’ Nichola Gatt), u cioe` omm il-kontendenti, li l-attrici Rose Borg u l-konvenuta Carmen Borg huma l-unici eredi universali tal-gid taghha filwaqt li s-subien Spiro u Saviour Gatt thallew il-legittima parti skond il-ligi. Ghalhekk ladarba Sam Gatt u ulied Spiro Gatt ghandhom dritt ghal porzjon mill-gid ta’ Anna Gatt, isegwi li ghandhom interess rigward il-propjeta` in kwistjoni. Tant hu hekk li meta l-konvenuta ghamlet ic-cedola ta’ depozitu hija stess inkludiet lil Sam Gatt u ulied Spiro Gatt fl-okkju. Dwar il-mandat ta’ Rose Borg fil-konfront ta’ Sam Gatt gie pruvat permezz tal-prokura esebita a fol 61 sa 64 tal-process;

Illi rigward l-ahhar eccezzjoni u cio’e li l-konvenuta fil-fatt izzomm il-fond in kwistjoni b’titolu ta’ kera, ghandu jinghad li f’kawza ta’ jattanza ma jigix determinat jekk l-allegat dritt pretiz mill-konvenut fil-kawza jezistix jew le u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tregix;

Illi skond ma jidher mir-rizultanzi processwali, fl-24 ta’ April 1997 il-konvenuta ikkawtelat il-pretenzjoni taghha permezz ta’ cedola ta’ depozitu fl-ammont ta’ Lm196.40 bhala kera skond dik il-pretenzjoni. Id-dispozizzjoni tal-ligi li tittratta dwar kawza ta’ jattanza (art 403, Kap12) tistipula li pretenzjoni trid tkun saret jew b’att gudizzjarju jew inkella bil-miktub u ghalhekk jidher li t-talba attrici tista’ tigi inkwadrata taht l-imsemmi artiklu; l-istess jinghad fuq it-terminu ta’ sena rikjest mil-ligi u anke dan jidher il gie sodisfatt peress li din ic-citazzjoni saret fit-28 ta’ Lulju 1997;

Illi jidher li jekk il-konvenuta tipprocedi gudizzjarjament fuq il-pretenzjoni taghha hija tkun qed tivvanta dritt illi jidher li hu cert u determinat u li ghalhekk dwaru jistghu jittiehdu l-proceduri mehtiega; dan qed jinghad ukoll ghas-sodisfazzjoni ta’ l-artiklu 405 tal-Kap 12;

Illi l-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li gew pruvati l-elementi mehtiega ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonjiet legali u l-Qorti jidhrilha li perjodu ta’ sitt gimghat huwa bizzejjed biex fih il-konvenuta tkun tista’ tressaq il-pretenzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi l-ewwel domanda ta’ din ic-citazzjoni u taghti lill-konvenuta sitt gimghat zmien mid-data ta’ din is-sentenza biex tiddeduci in gudizzju l-pretenzjoni taghha kontra l-atturi.

Tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni domanda wara li jghaddi l-perjodu hawn koncess;

L-ispejjez huma riservati ghall-gudizzju finali;

U thalli l-kawza ghall-14 ta’ Jannar 2003.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur